Nru. 17,449
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 22 ta' Lulju, 2003
Tuesday, 22nd July, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 650

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,444 u 17,447 tal-15 u tat-18 ta' Lulju, 2003, rispettivament.

A.L. Nru. 166 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għad-*Diploma in Social Studies*.

A.L. Nru. 167 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għad-*Diploma in Architectural Studies - Dip. Arch.*

A.L. Nru. 168 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għad-*Diploma in Baroque Architecture*.

A.L. Nru. 169 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons)*.

A.L. Nru. 170 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.*

A.L. Nru. 171 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 għall-Għażla ta' l-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.*

GOVERNMENT NOTICES

No. 650

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,444 and 17,447 of the 15th and the 18th July, 2003, respectively.

L.N. No. 166 of 2003: Education Act (Cap. 327); Diploma in Social Studies Course (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 167 of 2003: Education Act (Cap. 327); Diploma in Architectural Studies - Dip. Arch. - Course Regulations, 2003.

L.N. No. 168 of 2003: Education Act (Cap. 327); Diploma in Baroque Architecture Course Regulations, 2003.

L.N. No. 169 of 2003: Education Act (Cap. 327); Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - Degree Course (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 170 of 2003: Education Act (Cap. 327); Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - Degree Course (Amendment) Regulations, 2003.

L.N. No. 171 of 2003: Education Act (Cap. 327); Regulations for the Selection of Applicants for Admission to the Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - Degree Course, 2003.

A.L. Nru. 172 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Islands and Small States Studies*.

L.N. No. 172 of 2003: Education Act (Cap. 327); Master of Arts in Islands and Small States Studies Degree Course (Amendment) Regulations, 2003.

A.L. Nru. 173 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Economics of Competition Law - M.A. (Econ. Comp. Law)*.

L.N. No. 173 of 2003: Education Act (Cap. 327); Master of Arts in Economics of Competition Law - M.A. (Econ. Comp. Law) - Degree Course Regulations, 2003.

A.L. Nru. 174 ta' l-2003: Att ta' l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2003 għall-Grad ta' *Master of Philosophy - M.Phil.* - fl-*International Institute for Baroque Studies*.

L.N. No. 174 of 2003: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2003 for the Degree of Master of Philosophy - M.Phil. - in the International Institute for Baroque Studies.

A.L. Nru. 175 ta' l-2003: Att ta' l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2003 għall-Grad ta' *Doctor of Philosophy - Ph.D.* - fl-*International Institute for Baroque Studies*.

L.N. No. 175 of 2003: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2003 for the Degree of Doctor of Philosophy - Ph.D. - in the International Institute for Baroque Studies.

A.L. Nru. 176 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Gradi ta' *Doctor of Philosophy - Ph.D.* - u *Master of Philosophy - M.Phil.*

L.N. No. 176 of 2003: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2003 for the Degrees of Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil.

A.L. Nru. 177 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts - M.A.* - offrut mis-*Centre for Communication Technology*.

L.N. No. 177 of 2003: Education Act (Cap. 327); Master of Arts - M.A. - Degree Course (Amendment) Regulations, 2003 offered by the Centre for Communication Technology.

A.L. Nru. 178 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Planning (Honours) - B.Plan. (Hons)*.

L.N. No. 178 of 2003: Education Act (Cap. 327); Bachelor of Planning (Honours) - B.Plan. (Hons) - Degree Course Regulations, 2003.

A.L. Nru. 179 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 tal-Kors għad-*Diploma in Education (Individual Educational Needs)*.

L.N. No. 179 of 2003: Education Act (Cap. 327); Diploma in Education (Individual Educational Needs) Course Regulations, 2003.

A.L. Nru. 180 ta' l-2003: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għad-*Diploma in Public Administration - D.P.A.*

L.N. No. 180 of 2003: Education Act (Cap. 327); Diploma in Public Administration - D.P.A. - (Amendment) Regulations, 2003.

A.L. Nru. 181 ta' l-2003: Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Pubblikazzjoni ta' Direttiva ta' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni.

L.N. No. 181 of 2003: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Publication of a Directive by the Malta Communications Authority.

A.L. Nru. 182 ta' l-2003: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2003 li Jirrevokaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward ta' Sierra Leone.

L.N. No. 182 of 2003: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); United Nations Sanctions (Sierra Leone) (Revocation) Regulations, 2003.

A.L. Nru. 183 ta' l-2003: Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għal Kliniċi Mediċi Privati.

L.N. No. 183 of 2003: Medical and Kindred Professions Ordinance (Cap. 31); Private Medical Clinics (Licensing) (Amendment) Regulations, 2003.

It-22 ta' Lulju, 2003

22nd July, 2003

Nru. 651

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD, 1994

Bord ta' l-Appelli tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA ta' l-artikolu 34 ta' l-Att dwar il-Valur Miżjud (Att XII ta' l-1994) il-Ministeru tal-Finanzi u Servizzi Ekonomiċi għamel in-nomini li ġejjin fil-Bord ta' l-Appelli tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud. Dawn in-nomini huma għal perjodu ta' tliet snin, b'seħħ mill-10 ta' Lulju, 2003.

Chairman
Dott. Kathleen Mizzi, LL.D.

Membri
Is-Sur Joseph Laspina
Is-Sur Jonathan Fenech Adami

Segretarju
Is-Sur Joseph Buttigieg

It-22 ta' Lulju, 2003

No. 651

VALUE ADDED TAX ACT, 1994

Value Added Tax Appeals Board

IN virtue of section 34 of the Value Added Tax Act (Act XII of 1994) the Minister of Finance and Economic Services has made the following appointments to the Value Added Tax Appeals Board. These appointments are for a period of three (3) years with effect from the 10th July, 2003.

Chairman
Dr Kathleen Mizzi, LL.D.

Members
Mr Joseph Laspina
Mr Jonathan Fenech Adami

Secretary
Mr Joseph Buttigieg

22nd July, 2003

Nru. 652

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja :–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J. M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	23-28.7.2003

It-22 ta' Lulju, 2003

No. 652

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

22nd July, 2003

Nru. 653

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)

B'DAN qed ngħarrfu li jiena rċevejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *Condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
18	Da Manuel Court, Triq it-Trill, Qawra St. Paul's Bay	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	14/07/2003

Dott. Audrey Vassallo
A/Reġistratur ta' l-Artijiet

It-22 ta' Lulju, 2003

No. 653

CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of rules regulating the following condominia:

Dr Audrey Vassallo
A/Land Registrar

22nd July, 2003

Nru. 654

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 276	Sandra Abdilla	'La Cernia' Triq Żarenu Dalli Birżebbuġa	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.23	14.07.03
CD/3209/2003 Pt 4	Derek Fenech	Crown Advertising Ltd. 114, St Christopher's Street Valletta	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.4	14.07.03
CD/3209/2003 Pt 263	Anthony Schembri	Shop 79, Islets Promenade Buġibba	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.487	15.07.03
CD/3209/2003 Pt 278	Kizzy Attard Portughes	Glam Nails by Kizzy 32 Triq il-Kungress Ewkaristiku Mosta	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social* and personal services	93.022	15.07.03
CD/3207/2002 Pt 21	Giovanna Rapinett	Engros Store 8 Triq Mater Boni Consigli Żejtun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45	15.07.03

No. 654

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 255	Ronald Grima	Kola Store 78 Pjazza Bertu Fenech Balzan	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11 52.21	15.07.03
CD/3209/2003 Pt 265	Anthony Azzopardi	Evelyn's Boutique Triq Santa Duminka c/w Triq il-Qalb Imqaddsa Żabbar	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.33	15.07.03
CD/3209/2003 Pt 271	Adrian Gatt	Reno's Tailoring & Hire Service 12 Triq Indri Cilia Ħamrun	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.05	17.07.03
CD/3209/2003 Pt 285	Joseph V. Farrugia	Melfar Buildings Rue D'Argens Msida	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	51.8 51.9 52.44 52.45 52.46 52.48.3 52.27	17.07.03
CD/3210/2003 Pt 11	Melanie Azzopardi	D.M. Styling Salon 49 Triq il-Qalb Imqaddsa Żabbar	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	17.07.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

It-22 ta' Lulju, 2003

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

22nd July, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 39 ta' l-2003

Żoni Riservati għall-Għawwiema

Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-sidien kollha ta' ingenji tal-baħar illi skond ir-Regolamenti ta' 1-1975 dwar l-Irmiġġ u skond artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) huwa pprojbit li inġenji tal-baħar bil-mutur jew dgħajjes tal-qlugħ, inkluzi *windsurfers*, *surf-boards* jew *acqua-scooters,* ibaħħru fiż-żoni riservati għall-għawwiema.

Area ġdida fil-Bajja ta' San Ġiljan hija delineata lil-linja li tgħaqqad il-ponot 10E, 10F, 10G, 10H, 10I u x-xatt ta' bejniethom kif murija fiċ-*Chart* 10 f'paġna 10,145.

Se jitqiegħed għadd ta' *marker buoys* matul il-ġimgħa li tispiċċa nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju, 2003. Il-*marker buoys* jistgħu jitħallew fl-istess post is-sena kollha.

Ponta *Point*	Latitude (N) *Latitude (N)*	Longitude (E) *Longitude (E)*
10E	35° 54'.96	14° 29'.86
10F	35° 54'.97	14° 29'.82
10G	35° 55'.08	14° 29'.83
10H	35° 55'.13	14° 29'.87
10I	35° 55'.11	14° 29'.91

Il-baħħara huma mwissija biex ibaħħru b'kawtela u bil-mod meta jun qrib din l-area.

Chart affettwara: BA 177.

It-22 ta' Lulju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 39 of 2003

Zones reserved for Swimmers

The Executive Director (Ports) notifies all owners of sea craft that in terms of the Berthing Regulations, 1975 and in terms of section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352), it is prohibited to navigate mechanically propelled sea craft or sailing boats including wind surfers, surf-boards and acqua-scooters in the zones reserved for swimmers.


A new area in St Julian's Bay is delineated by a line joining points 10E, 10F, 10G, 10H, 10I and the intermediate coastline as shown on the attached Chart 10 on page 10,145.

A number of marker buoys will be placed during the week ending on Sunday, 27th July, 2003. The marker buoys may remain in position all year round.

Mariners are advised to navigate with caution and slow speed when in the vicinity of the area.

Chart affected: BA 177.

22nd July, 2003



©British Crown Copyright 1970, 1983, 1986, 1988, 1995, 2000.
All rights reserved

The UK Hydrographic Office makes the accompanying data available to Malta Maritime Authority under the terms and conditions of agreement HO 1427/025938/01.

DISCLAIMER

Whilst the UK Hydrographic Office has endeavoured to ensure that the material supplied is suitable for the purpose described, it accepts no liability to the maximum extent permitted by law for any damage or loss of any nature arising from its use. The material supplied is used entirely at the Recipient's own risk.

Chart 10

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 40 ta' l-2003

Tħassir ta' l-Avviż lill-Baħħara Nru. 37 ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta dwar Kampanja ta' Tindif ta' Qiegħ il-Baħar

Ngħarrfu illi l-Avviż imsemmi hawn fuq bin-Nrumru 37 ta' l-2003 ġie mħassar.

It-22 ta' Lulju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 40 of 2003

Cancellation of Notice to Mariners No. 37 of the Malta Maritime Authority regarding Clean up Campaign of the Seabed

It is notified that the above captioned Notice to Mariners No. 37 of 2003 has been cancelled.

22nd July, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 41 ta' l-2003

Kampanja ta' Tindif ta' Qiegħ il-Baħar

Il-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura se jmexxi kampanja biex inaddaf qiegħ il-baħar fil-Bajja ta' Wied il-Għajn ħdejn il-*water polo pitch*.

It-tindif se jitmexxa f'area magħluqa b'linja li tgħaqqad il-ponot A, B, C, D u x-xatt bejniethom.

	Latitude (T)	*Longitude* (L)
A	35°51'.97	14°34'.01
B	35°51'.92	14°34'.03
Ċ	35°51'.96	14°34'.16
D	35°52'.01	14°34'.14

Din l-attività se ssir nhar l-Erbgħa, it-30 ta' Lulju, 2003, bejn il-5.30 p.m. u s-7.30 p.m. u se titwettaq minn għaddasa.

Minħabba din l-attività, sidien ta' inġenji li jkunu joperaw minn/għal din il-bajja għandhom ibaħħru b'kawtela kbira u joqogħdu attenti ħafna għall-għaddasa fid-data u l-ħinijiet indikati.

Chart affettwata: BA 2538.

It-22 ta' Lulju, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 41 of 2003

Clean Up Campaign of the Seabed

The Ministry of Resources and Infrastructure will be conducting a clean up campaign of the seabed at Marsascala Bay area near water polo pitch.

The clean up will be conducted inside an area delineated by line joining points A, B, C, D and the intermediate coastline.

	Latitude (N)	Longitude (E)
A	35°51'.97	14°34'.01
B	35°51'.92	14°34'.03
C	35°51'.96	14°34'.16
D	35°52'.01	14°34'.14

This activity will be held on Wednesday, 30th July 2003 between 5.30 p.m. and 7.30 p.m. and will be carried out by divers.

In view of the above, masters of craft operating from/to this bay are to navigate with extreme caution and keep a sharp lookout for divers on the date and time mentioned above.

Chart affected: BA 2538.

22nd July, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Information Management Officer* fil-Ministeru għal Għawdex

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Information Management Officer* fil-Ministeru għal Għawdex.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Information Management Officers,* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin, suġġett għal servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Information Management Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, huwa/hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm fil-każ li l-kuntratt tagħha ma jkunx imġedded jew ikun terminat.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-iskala applikabbli għal din il-pożizzjoni, hija tkun mistennija li tħalli d-dmirijiet ta' *Information Management Officer* u tkun trasferita għal dmirijiet li jikkorrespondu mal-grad il-ġdid tagħha.

3.1. Is-salarju tal-pożizzjoni ta' *Information Management Officer* ikun ta' Lm9,950 fis-sena (Skala ta' Salarju 4). Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2. Għalkemm din hija pożizzjoni ta' *senior management,* mhix *headship position*.

4.1. Il-funzjoni ta' dik il-persuna ingaġġata bħala *Information Management Officer* (IMO) tkun ta' *Manager* ta' l-*Information Management Unit* (IMU). L-IMU huma responsabbli għall-*Information Management* fil-Ministeri, kif kontemplat fil-Pjan Strateġiku għas-Sistemi ta' l-Informazzjoni 1999 - 2001 approvat mill-Gvern.

4.2. L-għan finali ta' l-IMU huwa l-istruttar tat-teknoloġija ta' l-informatika għat-tmexxija aħjar tal-Ministeru u għall-provvediment ta' servizzi aħjar lill-pubbliku.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Information Management Officer in the Ministry for Gozo

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Information Management Officer in the Ministry for Gozo.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Information Management Officer, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Information Management Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a public officer he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a public officer, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher to the scale applicable to his/her position, he/she will be required to relinquish his/her duties of Information Management Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3.1. The position of Information Management Officer attracts a salary of Lm9,950 per annum (Salary Scale 4). In the case that the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2. Although this is a senior management, it is not a headship position.

4.1. The recruited IMO shall function as the Manager of an Information Management Unit (IMU). IMUs are responsible for information management in Ministries, as envisaged in the Governmentís approved Information Systems Strategic Plan 1999-2001.

4.2. The overall objective of an IMU will be to exploit information technology for the better management of the Ministry and the provision of better services to the public.

4.3. Il-funzjonijiet ta' l-IMU jinkludu:-

Formulazzjoni ta' Pjanijiet Strateġiċi ta' Sistemi ta' l-Informazzjoni;

Tqassim, kontroll u sorveljanza ta' riżorsi ta' IS/IT, kif delegat mis-Segretarju Permanenti;

Management ta' *data,* informazzjoni u tagħrif;

Promozzjoni, ko-ordinazzjoni u kontroll ta' inizjattivi ta' *e-Government,* inkluż it-twaqqif ta' *web-based services;*

Management ta' kuntratti ta' IT u l-kontroll kollu ta' operazzjonijiet ta' IS;

Infurzar ta' *IS/IT policies* and *standards* korporattivi.

4.4. Il-persuna maħtura bħala IMO tkun responsabbli direttament lejn is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex.

4.5. Il-persuna maħtura bħala IMO mistennija li tiżviluppa relazzjonijiet tajba ta' xogħol maċ-*Chief Information Management Officer* u impjegati oħra fis-*Central Information Management Unit* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif ukoll mad-Dipartimenti li jaqgħu taħt il-Ministeru tagħhom u ma' aġenziji ċentrali tal-Gvern.

4.6. Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol marbut ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb personalment mill-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer* jew tintalab permezz ta' l-*e-mail* fuq l-indirizz cimu@gov.mt.

5.1. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom grad Universitarju, preferebbilment fil-*public administration, business management, information management* jew *computer studies*, FLIMKIEN MA' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol fl-*information management/information systems/information technology*

JEW

ikollhom ta' l-inqas ħames (5) snin esperjenza ta' xogħol f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fl-*information management/information systems/information technology;*

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

4.3 The functions of an IMU include:-

Formulation of Information Systems Strategic Plans;

Deployment, control and monitoring of IS/IT resources, as delegated by the Permanent Secretary;

Management of data, information and knowledge;

Promotion, co-ordination and control of e-Government initiatives, including the setting up of web-based services;

Management of IT contracts and the overall control of IS operations;

Enforcement of corporate IS/IT policies and standards.

4.4. The IMO will report directly to the Permanent Secretary, Ministry for Gozo.

4.5. The IMO shall be expected to establish a good working relationship with the Chief Information Management Officer and with other staff in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister, as well as with the line Departments in their Ministry and with central agencies of Government.

4.6. A detailed job description in respect of the position can be obtained from the Office of the Chief Information Management Officer in person or requested by e-mail using the address cimu@gov.mt .

5.1. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a University degree, preferably in public administration, business management, information management or computer studies AND two years working experience in information management/information systems/information technology

OR

have at least five years working experience in positions of responsibility in information management/information systems/information technology.

(c) of good moral character; (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2. L-applikanti għal din il-pożizzjoni ta' IMO fil-Ministeru għal Għawdex għandhom ikunu residenti f'Għawdex.

6. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:-*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm jew jinkisbu miċ-*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

10. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament miċ-*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew *e-mail* fl-indirizz cimu@gov.mt sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-*Central Information Management Unit* mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-*Unit* riċeventi hu (+356) 21 234 701.

12. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-*Unit*. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Iċ-*Chief Information Management Officer* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-22 ta' Lulju, 2003

5.2. Applicants for this position of IMO in the Ministry for Gozo should be residents of Gozo.

6. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm or obtained from the Chief Information Management Officer, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

10. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Chief Information Management Officer, Gattard House, National Road, Blata l-Bajda by not later than noon of Thursday, 14th August, 2003.

11. Applications received from abroad through a fax or by e-mail at the addres cimu@gov.mt by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Central Information Management Unit by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is (+356) 21 234 701.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Chief Information Management Officer within seven (7) days from receipt.

22nd July, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Information Management Officer* fis-Servizz Pubbliku

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Information Management Officer* fis-Servizz Pubbliku.

2.1 Il-persuni magħżula jkunu mistennija li jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Information Management Officers,* liema kuntratt jista' jiġġedded għall-perijodi oħra ta' tliet snin, suġġett għal servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Information Management Officer* matul il-perijodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat

2.2 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perijodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għall-grad sustantiv tagħhom meta jintemm il-kuntratt. Jekk il-persuni magħżula ma jkunux Uffiċjali Pubbliċi, is-servizz tagħhom mal-Gvern jintemm fil-każ li l-kuntratt tagħhom ma jkunx imġedded jew jintemm.

2.3 Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi u, waqt il-perijodu tal-kuntratt, jinħatru fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-iskala applikabbli għal din il-pożizzjoni, huma jkunu mistennija li jħallu d-dmirijiet ta' *Information Management Officer* u jkunu trasferiti għal dmirijiet li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħhom.

3.1 Is-salarju tal-pożizzjoni ta' *Information Management Officer* ikun ta' Lm9,950 (Skala ta' Salarju 4) fis-sena. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħhom u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Għalkemm din hija pożizzjoni ta' *senior managment* mhix *headship position.*

4.1 Il-funzjoni ta' dawk ingaġġati bħala *Information Management Officers* (IMOs) tkun ta' *Managers* ta' *Information Management Units* (IMUs). L-IMUs huma responsabbli għall-*Information Management* fil-Ministeri, kif kontemplat fil-Pjan Strateġiku għas-Sistemi ta' l-Informazzjoni 1999 - 2001 approvat mill-Gvern.

4.2 L-għan finali ta' l-IMUs huwa l-isfruttar tat-teknoloġija ta' l-informatika għat-tmexxija aħjar tal-Ministeri u għall-provvediment ta' servizzi aħjar lill-pubbliku.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Information Management Officer in the Public Service

The Public Service Commission invites applications for the filling of positions of Information Management Officer in the Public Service.

2.1 The selected candidates will be expected to enter into a three-year contract as Information Management Officers, which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Information Management Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidates are public officers they will retain their substantive grade during the contractual period and will return to their substantive grade on the termination of the contract. In the case of appointees who are not public officers, their service with Government will be terminated in the event that their contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidates are Public Officers and, during the contract period, are appointed to a grade with a salary scale higher to the scale applicable to their position, they will be required to relinquish the duties of Information Management Officer and be transferred to duties pertinent to their new grade.

3.1 The position of Information Management Officer attracts a salary of Lm9,950 per annum (Salary Scale 4). In the case that the selected applicants are a Public Officers, the difference between the salary to which the selected officers are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 Although this is a senior management, it is not a headship position.

4.1. The IMOs recruited shall function as the Managers of Information Management Units (IMUs). IMUs are responsible for information management in Ministries, as envisaged in the Government's approved Information Systems Strategic Plan 1999-2001.

4.2. The overall objective of IMUs will be to exploit information technology for the better management of the Ministry and the provision of better services to the public.

4.3 Il-funzjonijiet ta' l-IMUs jinkludu:

Formulazzjoni ta' Pjanijiet Strateġiċi ta' Sistemi ta' l-Informazzjoni;

Tqassim, kontroll u sorveljanza ta' riżorsi ta' IS/IT, kif delegat mis-Segretarju Permanenti;

Management ta' *data,* informazzjoni u tagħrif;

Promozzjoni, ko-ordinazzjoni u kontroll ta' inizjattivi ta' *e-Government,* inkluż it-twaqqif ta' *web-based services;*

Management ta' kuntratti ta' l-*IT* u kontroll kollu ta' operazzjonijiet ta' IS;

Infurzar ta' *IS/IT policies* u *standards* korporattivi.

4.4. L-IMOs ikunu responsabbli direttament lejn is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru rispettiv.

4.5. L-IMOs huma mistennija li jiżviluppaw relazzjonijiet tajba ta' xogħol maċ-*Chief Information Management Officer* u impjegati oħra fis-*Central Information Management Unit* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kif ukoll mad-Dipartimenti li jaqgħu taħt il-Ministeru tagħhom u ma' aġenziji ċentrali tal-Gvern.

4.6 Deskrizzjoni dettaljata tax-xogħol marbut ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb personalment mill-Uffiċċju taċ-*Chief Information Management Officer* jew tintalab permezz ta' l-*e-mail* fuq l-indirizz cimu@gov.mt

5.1 L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom grad Universitarju, preferibbilment fil-*public administration, business managment, information management jew computer studies,* FLIMKIEN MA' sentejn (2) esperjenza ta' xogħol fl-*information management/information systems/information technology;*

JEW

ikollhom ta' l-anqas ħames (5) snin ta' esperjenza ta' xogħol f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fl-*information managment /information systems/information technology;*

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li jkunu impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-

4.3. The functions of IMUs include:

Formulation of Information Systems Strategic Plans;

Deployment, control and monitoring of IS/IT resources, as delegated by the Permanent Secretary;

Management of data, information and knowledge;

Promotion, co-ordination and control of e-Government initiatives, including the setting up of web-based services;

Management of IT contracts and the overall control of IS operations;

Enforcement of corporate IS/IT policies and standards.

4.4. IMOs will report directly to the Permanent Secretary of the respective Ministry.

4.5. IMOs shall be expected to establish a good working relationship with the Chief Information Management Officer and with other staff in the Central Information Management Unit in the Office of the Prime Minister, as well as with the line Departments in their Ministry and with central agencies of Government.

4.6 A detailed job description in respect of the position can be obtained from the Office of the Chief Information Management Officer in person or requested by e-mail using the address cimu@gov.mt.

5.1 Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a University degree, preferably in public administration, business management, information management or computer studies AND two years working experience in information management/information systems/information technology;

OR

have at least five years working experience in positions of responsibility in information management/information systems/information technology.

(c) of good moral character; (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six months from the date of this call for applications and state

data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu dettalji).

6. Bord ta' Għażla jintervista lill-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-pożizzjoni.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-applikanti jkollhom għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-pożizzjoni.

Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites* li ġejjin:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew tinkiseb mingħand iċ-*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

10. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li turi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mingħand iċ-*Chief Information Management Officer,* Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003.

11. Applikazzjonijiet li jiġu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew *e-mail* fl-indirizz cimu@gov.mt sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-*Central Information Management* mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjoni u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-*unit* riċeventi huwa (+356) 21 234 701.

12. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-*Unit*. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Iċ-*Chief Information Management Officer* jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-22 ta' Lulju, 2003

whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp

http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Chief Information Management Officer, Gattard House, National Road, Blata l-Bajda.

10. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Chief Information Management Officer, Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda by not later than noon of Thursday, 14th August 2003.

11. Applications received from abroad through a fax or by e-mail at the address cimu@gov.mt by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Central Information Management Unit by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is (+356) 21 234 701.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Chief Information Management Officer within seven (7) days from receipt.

22nd July, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Senior Registrar* (Psikjatrija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-postijiet ta' *Senior Registrar* (Psikjatrija) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Senior Registrar* (Psikjatrija) għandu salarju ta' Lm7,148 fis-sena li jiżdied b'Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm8,798.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:–

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li teżamina l-pazjenti mentalment u fiżikament, tinvestigahom, tikkurahom u tibqa' ssegwihom fil-kura tagħhom.

5.2. Il-persuna nominata tkun mistennija li taħdem dejjem taħt is-superviżjoni tal-Konsulent inkarigat mill-pazjenti u li tirrappreżentah fl-assenza tiegħu/tagħha.

5.3. Il-persuna nominata tkun trid tissorvelja t-tobba żgħar u li tikkonsulta ruħha mal-membri oħra tal-*multidisciplinary team*.

5.4. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel xogħol ta' konsultazzjoni fi sptarijiet oħra kif imqabbda mid-Direttur tal-Psikjatrija u taħt is-superviżjoni tal-Konsulent li jkun inkarigat minnha.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior Registrar (Psychiatry) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the posts of Senior Registrar (Psychiatry) in the Health Division.

2. The post of Senior Registrar (Psychiatry) carries a salary of Lm7,148 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm8,798.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and public holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:–

(a) it is carried out strictly outside official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to carry out psychiatric and physical examination, investigation, treatment and monitoring of patients.

5.2. The appointee will be expected to work at all times under the supervision of the Consultant in charge of the patients whom he/she will represent in his/her absence.

5.3. The appointee will be delegated to supervise junior medical staff and to liaise with other multidisciplinary team members.

5.4. The appointee will be expected to carry out consultation work at other hospitals as detailed by the Director of Psychiatry and under supervision of the relevant Consultant in charge.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-psikjatrija li jkunu determinati mid-Direttur tal-Psikjatrija u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet ogħla ta' *Senior Registrar* kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Il-persuna nominata tkun meħtieġa tiżviluppa *sub-specialist/special clinics* kif imqabbda mid-Direttur tal-Psikjatrija.

5.6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programmi ta' tagħlim jew taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Psikjatrija u li tinvolvi ruħha fi programmi kontinwi ta' riċerka.

5.7. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment tal-Psikjatrija u tkun responsabbli lejn il-konsulent immedjat tagħha u fl-aħħarnett lejn id-Direttur tal-Psikjatrija. Hi tkun soġġetta għal xi reviżjoni ta' dmirijiet kif ikun meħtieġ minn żmien għal żmien.

5.8. Il-persuna nominata trid tistabbilixxi mekkaniżmu xieraq biex tassigura kwalità tas-servizzi u verifika medika.

5.9. Il-persuna magħżula tkun trid tuża sistemi ta' Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Psikjatrija (*MRC Psych* jew kwalifika ekwivalenti approvata);

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

5.5. The appointee will be required to rotate within the various psychiatric abilities in a structural training programme to be determined by the Director of Psychiatry and which will take into account both the Senior Registrar's higher requirements as well as the exigencies of the Service. The appointee may be required to develop sub-specialist/special clinics as detailed by the Director of Psychiatry.

5.6. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or post-graduates, organised by the Department of Psychiatry and to involve himself/herself in on-going research programmes.

5.7. The appointee will be required to work in the Department of Psychiatry and will be responsible to his/her immediate Consultant and ultimately to the Director of Psychiatry. His/her duties will be subject to any review as necessary from time to time.

5.8. The appointee shall establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

5.9. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must be:–

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) in possession of a higher postgraduate qualification in Psychiatry (MRC Psych or approved equivalent qualification).

